# MALTA

## TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**MR. ALFRED PERINI**
**MR. JAMES PEARSALL**

**Illum 6 ta' Ottubru 2015**

**Rikors Numru 278/2012**

**Gauci Automobiles Co. Ltd. (C18358)**

**Vs**

**Awtorita` ghat-Trasport f'Malta u Ministeru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment (MFEI)**

It-Tribunal,

**Ra r-rikors** tas-socjeta` **Gauci Automobiles Co. Ltd.** ipprezentat fid-9 ta' Ottubru 2012 li permezz tieghu ippremettiet is-segwenti:-

*"Illi hija akkwistat vettura bin-numru tar-registrazzjoni GUC111 skond l-anness Dok mmarkat Dok A. li giet registrata fil-27 ta' Settembru 2012.*

*Illi s-socjeta rikorrenti kienet verifikat it-taxxa dovuta mal-awtorita f' 10 Ottubru 2011, skond l-anness u mmarkat Dok. B, fejn ir-'registration value' ta' din il mudell ta' karrozza kienet murija bhala €12512 u t-taxxa dovuta u mhallsa kienet dik ta' €7104.*

*Illi meta eventwalment is-socjeta importat il-karrozza in kwsitjoni u giet biex tirregistraha ir- 'registration value' mill-awtorita Trasport Malta, skond l-anness Dok C, gie valutat €21759 u t-taxxa dovuta u mhallsa f'27 Settembru 2012 kienet €10,108 skond anness Dokument mmarkat Dok. D.*

*Illi s-socjeta rikorrenti ma tistax tifhem kif fuq l-istess mudell ta' karrozza ir-Registration value allavolja 'second hand car', u ghalhekk suppost il-valur ghandu jinzel biz-zmien, ir-registration value zdied minn Ottubru 2011 minkejja li iz-zmien ghadda.*

*Is-socjeta rikorrenti tinnota ukoll illi r-'registration value' kif giet mahduma f'Settembru 2012 ma tirreflettiex il-valur kif suppost gie mahdum skond l-Artikolu 9 (2) tal Kap. 368 tal Ligijiet ta Malta, L-Att dwar ir-Registrazzjoni u l-Licenzjar bil-Mutur u b'hekk it-taxxa mhallsa kienet izjed milli suppost skond il-ligi.*

*Ghaldaqstant u ghal dawn ir-ragunijiet s-socjeta titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jiddikjara illi s-socjeta hallset taxxa zejda lil Gvern fuq dina l-vettura skond il-ligi u ukoll tordna lil- intimati jew lil Trasport Malta tirriffondi il-flus mhallsa zejda lis-socjeta rikorrenti."*

**Ra r-risposta ta' Transport Malta** ipprezentata fit-12 ta' Frar 2013 fejn gie eccepit is-segwenti:

*"1. Illi in linea preliminari, ai termini tal-Kap. 499 tal-Ligijiet ta' Malta, isem l-Awtorita` intimata huwa l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta u ghalhekk ghandha ssir id-debita korrezzjoni.*

*2. Illi in linea preliminari, dana t-Tribunal mhuwiex kompetenti ratione materia biex jisma' u jiddeciedi l-kawza odjerna u dana ghar-raguni li mir-rikors tas-socjeta` rikorrenti jirrizulta li qed tigi kontestata l-metodologija ta' kif jigi mahdum ir-"Registration Value" ta' vettura.*

*3. Illi  sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dana peress illi r-registration value u r-registration tax fuq il-vettura GUC 111 huma legali, gusti u ghandhom jigu kkonfermati.*

*4.  Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet u t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez."*

**Ra r-risposta tal-Ministeru intimat** npprezentata fil-25 ta' Frar 2013 fejn gie eccepit is-segwenti:

*"Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha ghas-segwenti ragunijiet:*

*Illi fl-ewwel lok, il-valur li ghandu jithallas bhala `registration value' minn persuna li takkwista vettura huwa marbut mad-data tar-registrazzjoni tal-vettura u mhux ma' data ohra precedenti jew ulterjuri ghal dik tar-registrazzjoni;*

*Illi bla pregudizzju ghas-suespost, fir-rigward ta' kif gie mahduma r-registration value tal-vettura mertu tal-proceduri odjerni, minn indagini illi ghamel l-esponenti jirrizulta illi r-registration value nhadem b'mod gust, u li ghaldaqstant kwalunkwe taxxa mhallsa mir-rikorrenti saret skond il-ligi."*

Ra illi permezz ta' digriet datat 4 ta' Dicembru 2012, dan it-Tribunal, diversament presjedut,  awtorizza li isem l-Awtorita` intimata jigi jaqra "Awtorita` ghat-Trasport f'Malta" minflok Trasport Malta;

Ra s-sentenza preliminari tal-10 ta' Marzu 2014  dwar it-tieni eccezzjoni tal-Awtorita` intimata fejn gie deciz illi dak impunjat f'dan l-appell jammonta ghal att amministrattiv;

Sema' lil Mark Gauci;[1]

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ra li r-rikors gie mholli ghal-lum ghal sentenza  finali;

---

[1] A fol. 36A sa 36M

**Ikkunsidra:**

Illi permezz tal-kawza odjerna s-socjeta` rikorrenti qieghdha titlob lil dan it-Tribunal jiddikjara li l-istess socjeta` hallset taxxa ta' registrazzjoni zejda fuq vettura uzata tat-tip **Volkswagen Tiguan bin-numru ta' registrazzjoni GUC-111** u sabiex l-istess Tribunal jordna r-rifuzjoni tal-hlas imhallas zejjed.

Illi **Mark Gauci**, in rapprezentanza tas-socjeta` rikorrenti, spjega illi s-socjeta` rikorrenti timporta karozzi uzati sabiex jigu mibjugha fis-suq lokali.

Mistoqsi diversi drabi mid-difensur tal-Awtorita` intimata x'kien qieghed jikkontesta ezattament u cioe` jekk hux it-taxxa finali imposta fuq il-vettura jew inkella xi haga ohra, ix-xhud ripetutament iddikjara li huma kienu qed jattakkaw ir-*registration tax* imhallsa. Fuq domanda diretta tat-Tribunal jekk huwa qabilx mal-valur li tat l-Awtorita` intimata lill-vettura huwa jghid: *"Qatt ma tajt kasu jiena. Jiena naghti kas l-ammont li ghandi nhallas."*

Huwa spjega illi t-taxxa tar-registrazzjoni li bdew ihallsu ghal vettura uzata bdiet tigi iktar minn dik ta' vettura gdida. Jghid li mhux il-vetturi kollha li kienu impurtaw kienu b'taxxa oghla minn dik ta' vettura gdida. Jghid ukoll illi kien hemm okkazjonijiet fejn l-Awtorita` intimata kienet naqqset it-taxxa ta' registrazzjoni originarjament mitluba minnha. Mistoqsi in kontro-ezami x'tip ta' ezercizzju ghamel biex wasal ghall-konkluzzjoni li t-taxxa ta' registrazzjoni ghal vettura gdida kienet inqas minn dik ta' vettura uzata, huwa jghid li kellhom laqghat mal-Ministeru tal-Finanzi u hemm kien hemm id-dokumenti relattivi, li pero` hu ma kellux access ghalihom. Jghid li qabel ma ltaqa' mar-rapprezentanti tal-Ministeru huwa kien gab kwotazzjonijiet minghand l-agenti li jimportaw vettura godda identici. Mistoqsi liema kienu dawk l-okkazzjonijiet fejn tnaqqset it-taxxa minn dik originali, ix-xhud wiegeb li ma jiftakarx bl-amment pero` kien se jipprova jfittex ghax meta tkun tnaqqset it-taxxa ma jkunx zamm *record*.

Illi x-xhud, f'seduta sussegwenti, esebixxa zewg dokumenti li jsostnu dak li xehed fuqu, u cioe` li kien hemm okkazjonijiet fejn l-Awtorita` intimata kienet

irrevediet it-taxxa ta' registrazzjoni u ghamlet rifuzjoni lis-socjeta` rikorrenti.[2] Minn dawn id-dokumenti jirrizulta illi f'okkazzjoni minnhom it-taxxa ta' registrazzjoni fuq vettura tal-ghamla BMW 1 Series giet imnaqqsa b'€798.53 minn kif kalkolata originarjament mill-Awtorita` intimata. F'okkazjoni ohra, fir-rigward ta' vettura tal-ghamla Jaguar XF it-taxxa ta' registrazzjoni giet ridotta b'€4,237.42 minn dik mitluba u mhallsa originarjament. Mistoqsi jekk kienx f'posizzjoni jipprezenta l-kwotazzjonijiet li huwa stqarr li gab minghand l-agenti, ix-xhud stqarr li ma kienx f'posizzjoni li jaghmel dan ghaliex ma kellux.

**Ikkunsidra:**

Illi t-Tribunal se jibda biex fl-ewwel lok jindirizza l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` intimata li permezz taghha ssostni li l-isem tal-Awtorita` huwa "L-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta" u ghalhekk ghandha ssir id-debita korrezzjoni. It-Tribunal, josserva illi waqt is-seduta tal-lum stess it-Tribunal ordna d-debita korrezzjoni biex isem l-Awtorita` intimata jigi jaqra "L-Awtorita` Ghat-Trasport f'Malta". Ghaldaqstant din l-eccezzjoni giet hekk sorvolata.

Illi r-rimanenti eccezzjonijiet, kemm tal-Awtorita` intimata u kemm tal-Ministeru intimat huma kollha fil-mertu.

Illi jirrizulta illi dak li qieghdha timpunja s-socjeta` rikorrenti permezz ta' dan l-appell huwa proprju kif inhadmet it-taxxa ta' registrazzjoni tal-vettura in kwistjoni.

Illi mid-Dokumenti C anness mar-rikors promutur jirrizulta illi t-taxxa ta' registazzjoni tigi kalkulata principalment abbazi tas-segwenti fatturi u cioe:-

1. **Euro Standard,**
2. **Carbon Dioxide Emissions (CO2) (g/km),**
3. **Particulate matter (g/km),**
4. **Il-valur ta' registrazzjoni, u**
5. **Tul tal-vettura**[3]

[2] Dok MG1 u MG2 a fol. 57A sa 57K
[3] Ara Nota 6 f'Dok C a fol. 5

Illi, ghalhekk, kif diga inghad fis-sentenza preliminari moghtija minn dan it-Tribunal fl-10 ta' Marzu 2014, l-varjant principali li jista' jaffettwa t-taxxa finali ta' registrazzjoni bejn vettura gdida u vettura uzata **identika** huwa l-valur tal-vettura uzata. Din hija fil-fatt il-lanjanza principali tas-socjeta` rikorrenti, u cioe` li t-taxxa ta' registrazzjoni ta' vettura gdida hija inqas mit-taxxa ta' registrazzjoni ta' vettura uzata identika. Jekk imbaghad il-vettura ma tkunx identika hemm fatturi ohra, bhas-*CO2*, li jaghmlu d-differenza.

Illi mid-Dokument C esebit a fol. 5 tal-process, li huwa kopja ta' ***"Registration Valuation - Motor Vehicles"*** imnizzla mis-sit elettroniku tal-Awtorita` intimata jirrizulta illi hemm indikat is-segwenti *"Registration Valuation - Motor Vehicles"* imnizzla mis-sit elettroniku tal-Awtorita` intimata jirrizulta illi hemm indikat is-segwenti *"The registration value of a motor vehicle is the residual cost, including the insurance and freight (CIF), of an equivalent or simiar vehicle which was purchased new in Malta and that would pass VRT Test, is mechanically sound, free of any damages and in its original condition. The formula used to derive the registration value is [Average Used Price x (CIF New/Price New)], where the average used price is calculated by deriving price ratios, combining local consumer prices or opinion values provided by authorised dealers where consumer prices are insufficient and information which is published by CAP Motor Research Ltd. All this information provide a framework for publishing the registration values for the majority of used motor vehicles being brought into Malta. The (CIF New/Price New) ratio is calculated on the basis of information held by Transport Malta."*[4]

Illi mill-atti jirrizulta illi l-uniku dokumentazzjoni rilevanti esebita sabiex is-socjeta` rikorrenti ssostni l-appell taghha huma zewg dokumenti fejn wiehed juri l-ammont ta' taxxa li hija hallset ghall-vettura in kwistjoni[5] u d-dokument fejn giet ikkalkolata l-istess taxxa.[6] Illi ghalkemm is-socjeta` rikorrenti ssostni li l-intimati imxew hazin u li l-ghemil taghhom kien wiehed zbaljat, hija ma pproduciet l-ebda prova sostanzjali abbazi ta' liema dan it-Tribunal jista' serenament jasal ghall-konkluzzjoni li ghandha ragun f'dak sostnut minnha.

Illi kull ma ghandu quddiemu dan it-Tribunal huwa li l-valur ta' registrazzjoni tal-vettura in kwistjoni huwa ta' wiehed u ghoxrin elf, seba' mija u disgha u hamsin ewro (€21,759). Pero` imkien l-istess socjeta` ma tghid kemm suppost

---

[4] Nota 1 f'Dok C a fol.5
[5] Dok D a fol. 6
[6] Dok C a fol. 5

kellu jkun l-istess valur biex it-taxxa ta' registrazzjoni tigi inqas minn hekk. Imkien l-istess socjeta` ma tghid x'kien il-metodu zbaljat jew il-kalkolu zbaljat li ghamlet l-Awtorita` intimata biex waslet ghal tali taxxa ta' registrazzjoni.

Illi t-Tribunal josserva wkoll illi fir-rikors promutur is-socjeta` rikorrenti tillamenta wkoll mill-fatt illi meta hija ottjeniet valutazzjoni ta' vettura tal-ghamla Volkswagen Tiguan **fl-10 ta' Ottubru 2011** il-valur ta' registrazzjoni moghti mill-Awtorita` intimata kien dak ta' €12,512 u t-taxxa ta' registrazzjoni €7,014.[7] Meta mbaghad regghet intalbet valutazzjoni **fit-18 ta' Settembru 2012** ghall-vettura in kwistjoni, li skond is-socjeta` rikorrenti hija identika, il-valur tar-registrazzjoni ghola flok naqas bil-konsegwenza allura li t-taxxa ta' registrazzjoni giet oghla wkoll. Is-socjeta` rikorrenti ssostni li l-valur kellu jinzel biz-zmien u mhux jitla'. It-Tribunal, wara li ra kemm Dokument B u kemm Dokument C annessi mar-rikors promutur josserva illi ghalkemm iz-zewg vetturi msemmija huma tal-istess ghamla, u cioe` **Volkswagen Tiguan Diesel Estate,** il-valur tas-*CO2 (g/km)* u l-*Particulate Matter (g/km)* huma, fost affarijiet ohra, differenti bil-konsegwenza allura li se jirrizultaw f'ammont ta' taxxa ta' registrazzjoni differenti. Fir-rigward tal-valur ta' registrazzjoni tal-vettura jirrizulta wkoll illi z-zewg vetturi ghandhom zewg dati ta' registrazzjoni differenti b'dik in kwistjoni lanqas kienet ilha sena registrata u kif ukoll id-*derivative* taghha huwa wiehed differenti mill-vettura raffigurata f'Dokument B.[8] Dan kollu gustament wassal ghal valur ta' registrazzjoni differenti u taxxa ta' registrazzjoni differenti. It-Tribunal jinnota wkoll illi skond Nota 3 li tinsab fid-dokument intitolat "Registration Valuation – Motor Vehicles" (esebit bhala Dok C) hemm imnizzel illi l-valur ta' registrazzjoni moghti f'data partikolari **<u>jibqa' validu biss sal-ahhar tax-xahar sussegwenti</u>**.[9] Kwindi s-socjeta` rikorrenti kienet konsapevoli li l-valur u t-taxxa ta' registrazzjoni ta' vettura, anke identika, seta' jinbidel, iktar u iktar jekk l-istess vettur ikollha xi fatturi differenti bhal perezempju d-data tar-registrazzjoni.

Illi ghaldaqstant, dan it-Tribunal fl-assenza kwazi totali ta' provi li jsostnu l-appell tas-socjeta` rikorrenti ma jistghax jilqa' l-appell imressaq mill-istess socjeta`.

---

[7] Dok B a fol. 4

[8] Il-vettura li harget il-valuazzjoni taghha fl-10 ta' Ottubru 2011 id-*derivative* taghha kien "*[38490] 2.0TDI SE 5dr Auto (8-10)*" filwaqt li d-*derivative* tal-vettura in kwisjtoni huwa "*[52186] 2.0 TDI BlueMotion Tech Sport 5dr DSG (11-12)*"

[9] Precedentement il-perjodu ta' validita` tal-valur ta' registrazzjoni kien hmistax-il gurnata mid-data li johrog l-istess valur (ara Dok B a fol. 4).

Finalment, it-Tribunal josserva illi fir-rigward tat-talba ghar-rifuzjoni tal-flus imhallsa zejda, anke kieku kellu jilqa` l-appell tas-socjeta` rikorrenti rigward it-taxxa ta' registrazzjoni, dan it-Tribunal ma kienx ikun kompetenti li jakkorda tali talba ghaliex il-kompetenza tieghu hija wahda limitata sabiex jirrevedi atti amministrattivi. Pero` l-legislatur haseb ukoll f'kaz fejn ikun hemm revizjoni tat-taxxa u f'artikolu 11A (3) tal-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta hemm elenkat x'ghandu jsir f'tali eventwalita` u cioe` *"Meta t-Tribunal jiddeċiedi li l-ammont dovut fir-rigward ta' taxxa ta' reġistrazzjoni huwa inqas minn dak imħallas, l-Awtorità għandha, fi żmien disgħin ġurnata minn meta tittieħed dik id-deċiżjoni, tħallas lura f'isem il-Gvern l-ammont imħallas żejjed lil dak l-appellant."*

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, qieghed jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` intimata stante li din giet sorvolata b'digriet tal-4 ta' Dicembru 2012, jilqa' t-tielet u r-raba' eccezzjoni tal-Awtorita` intimata u l-eccezzjonijiet kollha tal-Ministeru intimat u jichad l-appell tas-socjeta` rikorrenti.

Bl-ispejjez a karigu tas-socjeta` rikorrenti.

____________________

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**